Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 29/13

**Vincent Debono (appellat)**

**vs**

**Malta Resources Authority (appellanti)**

10 ta' Marzu, 2017

L-intimata appellat minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tat-30 ta' Settembru, 2014, fejn intqal hekk

*"Illi r-rikorrent intavola l-appell odjern peress li ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Ġunju 2011 fejn bażikament ġie mgħarraf li s-sors ta' ilma ta' taħt l-art li kien jinsab fir-residenza tiegħu kellu jiġi magħluq u dan peress li ma kienx jikkwalifika li jibqa' operattiv ai termini ta' Regolament 17 tar-Regolamenti Dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella' minn taħt l-Art (L.S. 423.40).*

*Illi r-rikorrent kien applika biex jinnotifika l-istess sors ta' ilma fil-5 ta'Novembru 2008 u ċioe meta kien hemm miftuħa skema tal-Awtorita` intimata biex kull minn kellu sors ta' l-ilma ta' taħt l-art jirreġistrah mal-istess Awtorita`.*

*Illi wara li ġiet sottomessa l-imsemmija applikazzjoni, u wara li saret spezzjoni da parti tal-uffiċjali tal-Awtorita` intimata, l-istess Awtorita` ħarġet ordni sabiex l-istess sors jingħalaq.*[1] *Illi sussegwentement, jirriżulta mid-deċiżjoni tas-27 ta' Ġunju 2011, li r-rikorrent kien talab lill-Awtorita` intimata sabiex l-istess Awtorita` teżentah milli jagħlaq l-istess sors peress li kellu bżonn l-ilma mtella' minnu biex isaqqi numru ta' għelieqi li huwa għandu.*[2]

*Madankollu permezz tad-deċiżjoni fuq ċitata, l-istess Awtorita` kienet tal-fehma illi s-sors li kellu r-rikorrent fir-residenza tiegħu ma jistgħax jiġi eżentat għaliex ma kienx jaqa' fil-parametri dettati mil-liġi għal tali eżenzjoni.*

*Illi r-rikorrent da parti tiegħu jargumenta illi siccome` l-ilma li qed jiġi estratt qiegħed jintuża primarjament biex isaqqi l-prodott tar-raba, allura l-Awtorita` intimat ma setgħetx tirrifjuta t-talba tiegħu biex iżommu operattiv.*

---

[1] *Liema ordni mhix esebita fil-proċess.*

[2] *A fol. 9 sa 11 tal-proċess.*

*L-istess rikorrent esebixxa set ta' aerial views tal-estensjoni tal-għelieqi tiegħu u jikkontendi li l-ilma li jtella' mill-borehole in kwistjoni jgħabbih ġo bowser biex ikun jista' jsaqqi l-prodott tal-istess raba.*

*Illi l-mertu ta' dan ir-rikors huwa regolat permezz tar-Regolamenti dwar il-Metering Tal-Ilma Li Jittella Minn Taħt L-Art (Leġislazzjoni Sussidjarja 423.40).*

*Illi skond Regolament 1 (2), l-għan ta' dawn ir-Regolamenti kien li jiġi kalkulat permezz ta' meter l-ilma li jittella' minn taħt l-art.*

*Illi ai termini tar-Regolament 3, is-sorsi kollha tal-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art:-*

*"(a) li ġew mħaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955:*

*Iżda dawk is-sorsi ta' ilma ta' taħt l-art biss li, skont id-dokumenti tal-Awtorita, jidhru li ġew imħaffra jew imkabbra qabel is-sena 1955 għandhom jiġu kunsidrati mill-Awtorita li ġew hekk imħaffra jew imkabbra; jew*

*(ċ) li ġew notifikati b'mod validu bħala sorsi ta' ilma ta' taħt l-art lill-Awtorita skont ir-Regolamenti dwar in-Notifikazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' Taħt l-Art; jew*

*(d) li kienu qed jiġu wżati jew li ġew mibnija qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Riżorsi, u li qegħdin jintużaw mill-Korporazzjoni,"*

*kellhom ikunu mkejla b'meter mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma jew mill-kuntrattur imqabbad minnha u hekk kif ordnat mill-Awtorita` ta' Malta dwar ir-Riżorsi.*

*Illi mill-atti jirriżulta illi r-rikorrent kien innotifika s-sors in kwisjtoni permezz ta' applikazzjoni datata 5 ta' Novembru 2008.* [3]

*Illi mbagħad l-istess Regolamenti, ai termini tal-artikolu 17 jagħtu setgħa lill-Awtorita` intimata li tordna l-għeluq ta' kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art, ħlief għal dak is-sors:*

*"(a) li ma jkollu ebda pompa jew apparat mekkaniku ieħor installat jew użat biex jittella' l-ilma minn dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art; jew*
*(b) li jkun jinsab ġo fond residenzjali li ma jkunx jista'jiġi fornut bi provvista kostanti ta'ilma mill-Korporazzjoni skont ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma, minħabba biss li n-network pubbliku għad-distribuzzjoni tal-ilma jkun jinsab iktar minn 50 metru mill-eqreb punt tal-fond residenzjali; jew*
*(ċ) li tinġieb prova dwaru mill-utent ta' dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art li jkun proprjeta`kulturali taħt l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali jew li jkun pruvat li jinsab proprjeta` skedata kif imsemmi fl-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp; jew*
*(d) li jkun dikjarat mill-utent permezz ta' affidavit maħluf quddiem Kummissarju b'setgħa li jagħti Ġuramenti u li jkun pruvat minn dak l-utent permezz ta' provi dokumentati inekwivokabbli li jingħataw lill-Awtorita` li jkun sors:*

*(i) li jkun użat biss għal finijiet domestiċi mill-abitazzjoni domestika tal-utent; u*
*(ii) li minnu l-produzzjoni tal-ilma li jittella'minn dak is-sors tal-ilma ta' taħt l-art ma tkunx teċċedi metru kubu kull jum;*
*(iii) li l-ilma li jittella' mis-sors tal-ilma ta' taħt l-art ikun mill-akwifer ta' fuq it-tafal.*

---

[3] *A fol. 46 sa 55 tal-proċess.*

*Il-provi li jingħataw lill-Awtorita` mill-utent għandhom ikunu meħtieġa ad validitatem."*

*Illi sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art huwa definit fl-istess Regolamenti bħala "sors ta' ilma ta' taħt l-art li jkun jinsab ġo fond residenzjali u meta l-ilma ta' taħt l-art ikun jintuża jew jiġi dikjarat mill-utent li jintuża għal xi wieħed jew iktar mill-għanijiet li ġejjin:*

*"(a) għal skopijiet tad-dar; u, jew*
*(b) għall-mili ta' swimming pools; u, jew*
*(ċ) għat-tisqija ta' ġnien domestiku; u, jew*
*(d) biex jixorbu l-annimali miżmuma bħala annimali domestiċi iżda ma tinkludix maħleb, qasam fejn jitrabbew il-ħnieżer, tjur jew rziezet ta' fniek jew xi użu ieħor intensiv jew kummerċjali li għandhom jiġu meqjusa bħala użijiet kummerċjali u li għandhom jiġu metered skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti."*

*Illi għalhekk jirriżulta illi biex sors ta' ilma jaqa' fid-definizzjoni ta' "sors domestiku" irid ikollu żewġ karatteristiċi u ċioe:-*

*1. ikun f'fond residenzjali u*
*2. jintuża għall-għanijiet elenkati fl-istess definizzjoni.*

*Illi minn eżami tal-applikazzjoni tar-rikorrent (a fol. 46 sa 52) jirriżulta illi huwa ddikjara li l-iskop tal-użu tal-istess sors huwa għat-tisqija.*[4] *Imbagħad, meta saret spezzjoni da parti tal-Uffiċjali tal-Awtorita` intimata fil-fond tiegħu, l-istess rikorrenti iddikjara li mill-istess sors jagħmel tisqija kemm barra mill-istess proprjeta`, fl-istess proprjeta` u kif ukoll iżid l-ilma tal-pool. Mill-istess dokumentazzjoni jirriżulta wkoll illi fis-sajf ir-rikorrent itella' madwar 50,000 gallun ta' ilma fil-ġimgħa.* [5]

*Illi l-Awtorita` intimata rraġunat illi siccome` r-rikorrent iddikjara li kien qiegħed jagħmel użu domestiku mill-istess sors, allura l-istess sors għandu jiġi kkwalifikat bħala sors domestiku ta' ilma ta' taħt l-art u ordnat l-għeluq tiegħu.*

*Illi min-naħa l-oħra, ir-rikorrent isostni li l-użu prinċipali tal-ilma li jiġi estratt mill-istess sors imur biex isaqqi l-uċuh tar-raba, u għalhekk jirrendi l-istess sors essenzjalment wieħed agrikolu.*

*Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-Awtorita` intimata tat interpretazzjoni żbaljata lid-definizzjoni ta' sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art u dan għaliex hija waqfet biss fl-ewwel parti tal-istess definizzjoni u ma kkunsidratx it-tieni parti li hija komplimentari għall-ewwel parti. Illi mix-xhieda ta' Miriam Micallef Sultana, rappreżentant tal-istess Awtorita`, jirriżulta illi l-Awtorita` intimata tikkunsidra sors bħala wieħed domestiku jekk dan ikun ġewwa residenza. Pero r-Regolamenti, fid-definizzjoni ta' sors domestiku, ma jiqfux hemm. Jikkwalifikaw l-istess sors domestiku bħala wieħed li jrid ikun iservi l-għanijiet imsemmija aktar 'il fuq.*

*Illi huwa veru li r-rikorrent ammetta li jżid ftit l-ilma tal-pool, u li waqt l-ispezzjoni li saret fis-26 ta' Mejju 2011 iddikjara li jsaqqi xi siġar madwar il-proprjeta` tiegħu bl-istess ilma, pero jirriżulta ben ċar illi l-għan prinċipali tal-estrazzjoni tal-ilma mhix biex iżid il-pool u lanqas biex isaqqi s-siġar ta' madwar id-dar. L-għan prinċipali tal-estrazzjoni mis-sors in kwistjoni huwa dak li jsaqqi uċuh tar-raba li huwa għandu, tant li għandu bowser appożitu biex iġorr l-istess ilma mis-sors in kwistjoni għal fuq l-istess uċuh.*

---

4 *Ara Section C a fol. 48.*
5 *A fol. 54.*

*Illi fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal, l-Awtorita` ma setgħetx tieqaf fuq l-ewwel parti tad-definizzjoni ta' sors domestiku u tinjora kompletament it-tieni parti jew inkella tinterpretaha b'mod tant riġidu li ma jkunx jaqbel mal-ispirtu tal-istess regolamenti, liema spirtu hu proprju biex jiġi kalkulat l-ilma li jittella' minn taħt l-art. It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-iskop tal-leġislatur meta ħaseb għal dawn ir-Regolamenti kien biex jaqta' l-abbużi u li kull min itella' l-ilma minn taħt l-art għal skopijiet agrikoli b'ċerta kwantita iħallas għalih.*

*Illi jsegwi għalhekk illi s-sors tar-rikorrent, liema sors ġie debitament notifikat skond ir-Regolamenti dwar in-Notifikazzjoni ta' Sorsi tal-Ilma ta' Taħt l-Art, għandu jiġi mkejjel b'meter mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif jista' jiġi ordnat mill-Awtorita` intimata.*

*Għaldaqstant, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Ġunju 2011 għandha tiġi revokata.*

*DECIDE*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-appell interpost mir-rikorrenti u qiegħed jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-Awtorita` intimata datata 27 ta' Ġunju 2011 u jidderiġi lill-istess Awtorita` intimat sabiex tagħmel dak kollu neċessarju sabiex is-sors tar-rikorrent jiġi mkejjel b'meter ai termini tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.40.*

*Bl-ispejjeż kontra l-Awtorita` intimata.*

L-appellanti appellat mis-sentenza. L-aggravji huma

I. Illi l-Awtorita' ma tatx interpretazzjoni żbaljata tad-definizzjoni ta' sors domestiku tal-ilma taħt l-art kif qal it-Tribunal;
II. Illi it-Tribunal ma kkusidrax li l-Awtorita' marbuta mad-dettami tal-liġi u li hi ddeċidiet skond l-Artikolu 17(1) tar-Regolamenti dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art;
III. Mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-appellat ma ġab ebda prova li hu jissodosfa xi wieħed mill-kriterji li jeżentawh mill-ordni biex jingħalaq il-*borehole.* U għalhekk l-Awtorita' ma setgħtetx ħlief tordna l-għeluq tal-*borehole.*

Mill-istess rikors jirriżulta l-hi qegħda tibqa' tinsisti li kienet korretta stante li kien l-istess appellant li ddikjara li kien ukoll juża l-istess sors ta' ilma ukoll biex isaqqi ġewwa l-*farmhouse* tiegħu u juzah ukoll għas-*swimming pool.*

Għaldaqstant talbet li din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal u tilqa' r-risposta tal-Awtorita', bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

L-appellat wiegeb:

I. Illi l-interpretazzjoni li ta it-Tribunal għal sors domestiku kien korrett tant li fl-istess definizzjoni jiġi eskluż użu ieħor intensiv jew kummerċjali, kif kien dan fejn l-użu kien ta' 50,000 gallun fil-ġimgħa għar-raba' u biss użu sporadiku u insinjifikanti biex jissaqqew is-siġar fir-rażżett domestiku u xi kultant isir *topping* tal-ilma fl-i*swimming pool.*

II. Illi l-Awtorita' qed tinsa li biex tapplika l-Artikolu 17(1) tar-Regolamenti dwar il-Metering tal-Ilma li Jittella minn Taħt l-Art trid l-ewwel tara li s-sors tal-ilma jiġi klassifikat bħala sors domestiku, li kif ingħad mhux il-każ u

III. Illi dwar l-allegazzjoni tal-Awtorita' li l-appellat ma ġab ebda prova li jeżentah mill-ordni li ngħata mill-Awtorita' għall-għeluq tal-*borehole* jingħad illi:
   (a) Appell mit-Tribunal skond l-artikolu 36 tal-Kap. 423 hu projbit fuq punti ta' fatt, għalhekk hi prekluża kull valutazzjoni ta' fatt.
   (b) U rega' jiġi ribadit li tali eżenzjonijiet japplikaw għal-sorsi ta' ilma għal użu domestiku iżda intwera li l-istess ma jikkwalifikax bħala sors ta' ilma domestiku skond d-definizzjoni taħt ir-Regolment 2 tar-Regolamenti dwar il-Metering tal-Ilma

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

Il-fatti huma spjegati fis-sentenza tat-Tribunal.

Skont l-Artikolu 36 tal-Att Dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423):

*"**36.** (1) Parti f'appell quddiem it-Tribunal li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal, jew l-Awtorità jekk din tħoss ruħha mhux sodisfatta b'xi deċiżjoni bħal dik, tista' **<u>fuq punt ta' liġi</u>** tappella quddiem il-Qorti tal-Appell skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva."*

L-aggravji (I) u (II) jitrattaw punti ta' liġi. L-ewwel aggravju jitratta l-interpretazzjoni tat-Tribunal tad-definizzjoni ta' *"sors domestiku"* , li nsibu f'regolament 2 tar-*Regolamenti dwar il-Metering Tal-Ilma Li Jittella Minn Taħt L-Art* (Leġislazzjoni Sussidjarja 423.40 – Avviż Legali 241 tal-2010), u t-tieni aggravju hu dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 17 tal-istess Regolamenti. Għal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju, il-qorti tosserva li d-deċiżjoni tat-Tribunal ma kinitx bażata fuq waħda mill-eċċezzjonijiet li jissemmew f'regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 423.40. Għaldaqstant, dan l-aggravju sar inutilment.

Skont regolament 17 l-Awtorita ghandha:

*"…… **tordna l-għeluq ta' kull sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art** fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti….."*;

bl-eċċezzjoni ta' dawk is-sorsi li jissemmew fl-istess disposizzjoni. Ghalhekk hu mehtieg li jiġi determinat jekk is-sors ta' ilma ta' taħt l-art li hemm fid-dar tal-appellat, huwiex sors domestiku ? Sors domestiku tal-ilma ta' taħt l-art (*domestic groundwater source*) hu definit f'regolament 2 bhala:

*"(…..) kull sors ta' ilma ta' taħt l-art li jkun jinsab ġo fond residenzjali u meta l-ilma ta' taħt l-art ikun jintuża jew jiġi dikjarat mill-utent li jintuża għal xi wieħed jew iktar mill-għanijiet li ġejjin:*

*(a) għal skopijiet tad-dar; u, jew*
*(b) għall-mili ta' swimming pools; u, jew*
*(ċ) għat-tisqija ta' ġnien domestiku; u, jew*
*(d) biex jixorbu l-annimali miżmuma bħala annimali domestiċi iżda ma tinkludix maħleb, qasam fejn jitrabbew il-ħnieżer, tjur jew rziezet ta' fniek jew xi użu ieħor intensiv jew kummerċjali li għandhom jiġu meqjusa bħala użijiet kummerċjali u li għandhom jiġu metered skont id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti:"*

Ghal dawk li huma fatti, it-Tribunal semma li:

i. Fl-applikazzjoni ghan-notifika ta' sors ta' ilma, li l-appellatipprezenta għand l-Awtorita' fl-2008, iddikjara li l-iskop tal-użu tal-ilma hu ghat-tisqija;
ii. Meta fl-2011 saret l-ispezzjoni minn uffiċjali tal-Awtorita', l-appellat iddikjara li jagħmel tisqija kemm barra l-proprjeta, fl-istess proprjeta u sabiex iżid is-*swimming pool*. Fir-rapport jingħad ukoll li matul is-sajf itella' madwar 50,000 gallun ilma.

Mis-sentenza tat-Tribunal hu evidenti li emmen lill-appellat li l-uzu tal-ilma ta' taħt l-art mhuwiex biss ghat-tisqija tal-ġnien u *topping up* tas-*swimming pool*, iżda l-użu prinċipali ta' dan is-sors ta' ilma hu sabiex l-appellat isaqqi l-għelieqi li għandu. Apprezzament tal-fatti li jrid isir mit-Tribunal, gialadarba appell quddiem din il-qorti jista' jsir **biss** fuq punt ta' ligi.

It-teżi tal-appellant hi li billi l-appellat jagħmel użu domestiku mill-istess sors ta' ilma, allura huwa sors domestiku ta' ilma ta' taħt l-art u b'applikazzjoni tar-regolament 17, għandu jingħalaq. Fil-fatt fid-deċiżjoni tal-Awtorita jingħad, *"Apart from the irrigation of the surrounding garden and the fields mentioned by Mr Debono,* ***the water abstracted from***

***the groundwater source is used for the topping up of the swimming pool****. This qualifies the source as a domestic groundwater source, as per the definition of a domestic groundwater source found in the Groundwater Abstraction (Metering) Regulations, 2010".* Pero' l-qorti tosserva li:

i) Il-kliem *"xi wieħed jew iktar* ***mill-għanijiet*** *li ġejjin"* (bl-Ingliż, *"one or more of the following* ***purposes****"*) f'regolament 2, jagħtu lill-qorti x'tifhem li l-użu li jkun qiegħed isir mill-ilma ikun limitat għal wieħed jew iktar mill-għanijiet domestiċi li jissemmew fl-istess regolament, u mhux ukoll xi użu ieħor kif sab it-Tribunal f'dan il-każ.

ii) Minn paragrafu (d) jidher li l-fatt li s-sors tal-ilma jinsab f'residenza u jintuża wkoll għal waħda mir-raġunijiet li jissemmew fir-regolament, ma jfissirx li s-sors għandu jingħalaq. Tant hu hekk li f'paragrafu (d) hu eskluż, *"****xi użu ieħor intensiv*** *jew kummerċjali li għandhom jiġu meqjusa bħala użijiet kummerċjali u li għandhom jiġu metered…..".* F'dan il-każ mid-deċiżjoni tal-Awtorita jirriżulta li ma kkunsidratx jekk l-użu li jsir mill-appellat jistax jitqies li hu użu ntensiv.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, il-qorti ma tistax taqbel mat-tezi tal-appellant li skont il-Legislazzjoni Sussidjarja 423.40 il-fatt li l-appellat juża wkoll l-ilma ghat-tisqija u *topping up* tas-swimming pool b'mod sussidjarju, għandu jwassal għall-ordni biex jingħalaq is-sors ta' taħt l-art li hemm fir-residenza tal-appellat skont regolament 17.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.